



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

2.7.2012

0023/2012

## **DIKJARAZZJONI BIL-MIKTUB**

imressqa skont l-Artikolu 123 tar-Regoli ta' Proċedura  
dwar il-protezzjoni tad-delfini fil-Baħar l-Iswed

**Elena Băsescu, Chris Davies, Andrey Kovatchev, Isabella Lövin,  
Kristian Vigenin**

Data ta' skadenza: 8.11.2012

**Dikjarazzjoni bil-miktub dwar il-protezzjoni tad-delfini fil-Baħar l-Iswed**

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-Artikolu 123 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi diversi mijiet ta' delfini ġew maqtula fil-Baħar l-Iswed fl-aħħar ftit xhur biss;
- B. billi l-qabdiet inċidentali kkawżati minn prattiki tas-sajd u sajd illegali huma waħda mill-kawżi ewlenin ta' mewt għad-delfini, u jeħtieġ miżuri supplimentari biex dawn jitnaqqsu;
- C. billi l-Baħar l-Iswed mhux kopert mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 812/2004 li jistabbilixxi miżuri li jikkonċernaw il-qabdiet inċidentali ta' ċetaċji fil-meded tas-sajd u l-obbligi ta' rappurtar għall-Istati Membri;
- D. billi l-Kunsill Internazzjonali għall-Esplorazzjoni tal-Baħar (ICES) jirrakkomanda li miżuri bħal dawn jiġu inklużi fir-Regolament għall-Baħar l-Iswed, fejn jidher ċar li hemm kwistjonijiet ta' qbid inċidentali;
- E. billi l-Istati Membri għandhom l-obbligu, skont id-Direttiva tal-Habitats, li jissorveljaw il-mortalità inċidentali ta' speċi protetti;
- 1. Jistieden lill-Kummissjoni, lill-Kunsill u lill-Istati Membri biex jieħdu miżuri supplimentari sabiex jiġi żgurat li d-delfini fil-Baħar l-Iswed jiġu mħarsa aħjar, inkluż billi jagħmel l-użu ta' apparat akustiku deterrenti obbligatorju;
- 2. Jistieden lill-istati li jmissu mal-Baħar l-Iswed biex jikkooperaw f'dan il-qasam; ifittem b'mod partikolari l-appoġġ tar-Russja, it-Turkija u l-Ukraina, u jistieden lill-Kummissjoni biex tieħu passi speċifiċi biex tiżgura ftehim taħt l-inizjattiva Sinerġija tal-Baħar l-Iswed;
- 3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din id-dikjarazzjoni, flimkien mal-ismijiet tal-firmatarji, lill-Kummissjoni, lill-Kunsill u lill-awtoritajiet nazzjonali kkonċernati.